MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2012

Numru. 958/2012

**Il-Pulizija
[Spettur Jeanne Farrugia]**

**vs**

**Xhevahir Selaj**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Xhevahir Selaj detentur tal-passaport numru BG0203853.

Akkuzat talli:

Fit-23 ta’ Settembru, 2012 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’karta tal-identita’ Taljana jew uza jew kellu fil-pussess tieghu karta tal-identita’ li hu kien jaf li giet iffalsifikata, imbiddla jew sar xi tibdil fiha f’isem Marco Fumero bin-numru AT1465018 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokument jew kopji vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat li l-imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni u li ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u li rega' ikkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 32(1d) tal-Kap 217 qed issib lill-imputat Xhevahir Selaj hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------